**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 31 ta` Jannar 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**JASON SPITERI**

**KUMP NRU 642/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Jason Spiteri**, detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 187076(M), gie akkuzat talli nhar l-4 ta' Marzu 2011 gewwa Triq il-Mall, Furjana ghall-habta ta' bejn it-20:30hrs u 23:05hrs;

1. Ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Pioneer u oggetti ohra, minn vettura b'numru ta' registrazzjoni JUN023, ghad-dannu ta' Nikita Galea u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni JUN023, ghad-dannu ta' Nikita Galea u/jew persuni

ohra, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta, imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. L. Quintano LL.D datata 4 ta' Gunju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fid-digriet tal-helsien mill-arrest.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitiu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll illi f'kaz ta' htija tittratta mal-imputat bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-20 ta` Mejju 2011 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 5);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta` Settembru 2016 fejn il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ghall-udjenza ta` llum stess.

**Ikkunsidrat**;

Illi mill-provi rrizulta illi fil-lejl ta` l-4 ta` Marzu 2011, f'xi hin bejn 20.30hrs u 23.05hrs, xi hadd kien baghbas mal-vettura JUN023 tal-marka Fiat Punto ta` lewn iswed, registrata fuq David Galea ID.178455M izda li kienet qed taghmel uzu minnha bintu Nikita Galea ID.429188M. Din il-vettura kienet ipparkjata fil-vicinanzi tal-lukanda

Phoenicia, gewwa l-Furjana. Minn gewwa ta` din il-vettura kienu naqsu xi hwejjeg, hand bag, cwievet u portmoni, u l-istereo ghall-valur komplessiv ta` circa €230. Ghalkemm jidher li kienet saret xi hsara fil-sellatura ta` din il-vettura, din il-hsara ma kienetx issewwiet stante li l-bieba xorta setghet tinfetah u tinghalaq. Nikita Galea kienet ipparkjat il-vettura ghall-habta tat-20.30hrs u sabitha imbaghbsa ghall-habta tat-23.00hrs. Hija konsegwentement ghamlet rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta.

Dwar dan ir-rapport, il-pulizija bdiet l-investigazzjonijiet taghha u in effetti bl-intervent ta` PS46 Charlot Casha, minn fuq il-pilastru tal-bieba tal-passiggier minn  naha ta` barra, gew elevati zewg lifters (fingerprints) li inghataw in-numru ta` identifikazzjoni 301 u 302.

Gara illi waqt investigazzjonijiet ohra kondotti kontra l-imputat odjern, il-pulizija rrizultalha illi ghas-serqa mertu ta` din il-kawza seta jigi biex jirrispondi l-imputat minhabba li kienu skoprew qbil fil-fingerprints.

Effettivament, waqt dawn il-proceduri, kien gie mahtur Ivan Portelli sabiex jeleva l-impronti digitali minn fuq l-imputat u jaghmel ezercizzju ta` komparazzjoni ma dawk li kienu originarjament elevati minn PS46 Charlot Casha minn fuq il-vettura de quo. Gie konkluz, minn dan l-espert nominat, illi l-impronta 301 kienet nieqsa mill-punti karatteristici u ghalhekk ma kienetx tajba ghall-fini ta` komparazzjoni ; filwaqt li l-impronta 302, wara li saru l-analizi komparattivi, rrizulta li kienet il-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta` l-imputat Jason Spiteri.

Dan hu bazikament dak li irrizulta f'dan il-process.

**Ikkunsidrat** ;

Illi l-imputat kien ghamel stqarrija (ara fol.31) nhar l-20 ta' Mejju 2011, fejn apparti li jichad li kien seraq din il-karozza, ghad-domanda jekk kienx hemm (fil-vicinanzi tal-vettura) u seraqx minn gol-vettura msemmija u li jekk jiftakarx li minn din il-karozza kien ha stereo, handbag, cwievet kif ukoll xi hwejjeg, l-imputat jirrispondi bil-kliem 'le ma niftakarx'. Ghad-domanda jekk jiftakarx x'kien ghamel bl-affarijiet li ha mill-

vettura, l-imputat wiegeb li ma kien jiftakar xejn.  Mitlub jaghti spjegazzjoni dwar kif instabu fingerprints tieghu fuq il-vettura msemmija, l-imputat wiegeb li ma kellux.

Din hi bazikament il-verzjoni tal-imputat.

**Ikkunsidrat;**

Illi bis-sahha tas-sejba ta` l-impronta digitali bin-numru ta` identifikazzjoni 302 fuq il-vettura JUN023, fil-kuntest tal-fatt li l-imputat ma jaghtix spjegazzjoni ghal mod kif tali impronta tieghu instabet fuq il-vettura de quo u fil-kuntest tal-fatt li ghal numru sostanzjali ta` domandi li sarulu fl-istqarrija, huwa wiegeb li ma kienx jiftakar, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-prova cirkostanzjali primarja tpoggi lill-imputat fuq ix-xena tad-delitt u propju tpoggieh f'kuntatt fiziku mal-vettura de quo. Kwindi, mehud kollox flimkien, l-imputat gie passabbli ghall-imputazjonijiet tas-serq u hsara volontarja.

Dwar il-hsara kkawzata fis-sellatura tal-vettura, din il-Qorti rat li l-hsara jidher li kienet negligibbli ghax il-bieba setghet tinfetah u tinghalaq u li tali hsara ma gietx ikkwantifikata. Il-Qorti qieset ukoll li l-valur komplessiv ta` l-oggetti misruqa ma kienx aktar minn €230.

Dwar it-tielet imputazzjoni u ghal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-recidiva, din il-Qorti tqis li r-rizultanzi tal-fedina penali (ara a folio 6 *et seq*) esebita huma bizzejjed ghas-sotenibbilita` ta` tali imputazzjoni u addebitu tar-recidiva.

Ghal dak li jirrigwarda r-raba imputazzjoni, il-Qorti hi tal-fehema li l-prosekuzjoni ma ressqitx provi dokumentarji (apparti provi ohra talvolta relevanti) idonei ghas-sostenibbilita` ta` tali imputazzjoni. Id-dokument numru 4 esebit u li jinsab a folio 38, hekk wahdu, ma huwiex bizzejjed ghal fini ta` tali imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**;

**Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261, 263, 264, 270, 271, 278(1)(3), 325(c), u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat mhux hati**

**tar-raba imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi; izda ssib u tiddikjara lill-imputat Jason Spiteri, bhala recidiv, hati ta` l-ewwel imputazzjoni minghajr l-aggravju tal-valur, hati tat-tieni imputazzjoni limitatament ghas-subartikolu (c) ta` l-Artikolu 325, u hati tat-tielet imputazzjoni u filwaqt li qed titratta mieghu f'din is-sentenza ghall-ksur ta` l-ordni mahruga skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, qed tikkundannah ghall-piena komplessiva ta` hmistax-il (15) xahar prigunerija.**

**Iz-zmien li l-imputat ghamel jinzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz ghandu jinqata minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €607.09 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert Ivan Portelli. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur